**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 3 ta' Lulju, 2025**

**Talba Nru: 158/2023MD**

**Elaine Cutajar[1] (K.I. 0363779M)**

**Vs**

**Angel Joseph Caruana (K.I. 233680M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż fl-ismijiet premessi ppreżentat fit-3 ta' Mejju, 2023[2] permezz ta' liema l-attriċi talbet li l-konvenut jiġi ordnat iħallas is-somma ta' tlett'elef, tlett mija u ħamsin ewro (€3,350) rappreżentanti manteniment versu żewġt'itfal minuri fl-ammont ta' mija u ħamsin ewro (€150) kull wild skont kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet għal perjodu ta' bejn Ġunju tas-sena 2016 u Jannar tas-sena 2019, bl-imgħax u bl-ispejjeż.

Ra r-risposta tal-konvenut datata t-2 ta' Ġunju, 2023[3] li permezz tagħha eċċepixxa:

1. *Illi ebda ammont ma huwa dovut lir-rikorrenti stante li sar pagament kif ser jirriżulta ampjament tul il-proċeduri tal-kawża;*

[1] Il-kunjom ġie korrett permezz ta' Digriet datat 10 ta' Ottubru, 2023, a fol 46 et seq tal-proċess
[2] A fol 1 et seq tal-proċess
[3] A fol 16 et seq tal-proċess

2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-attriċi għandha ġġib l-aħjar prova tas-somma minnha pretiża;*

3. *Illi l-esponenti qed jopponi għall-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri.*

Ra d-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Ra l-affidavits esebiti in atti;

Ra x-xhieda prodotta mill-partijiet;

Sema t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ra l-atti kollha tal-kawża;

Ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Fatti fil-Qosor**

Illi l-partijiet ffirmaw kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Sharon Faith Farrugia fil-25 ta' April, 2016 permezz ta' liema l-partijiet qablu li jrid jiġi vversat manteniment mil-konvenut lill-attriċi għal bżonnijiet taż-żewġ tfal minuri fl-ammont ta' mija u ħamsin Ewro (€150) għal kull wild. Il-konvenut naqas milli jħallas tali manteniment għal kollox u għalhekk hemm arretrati dovuti lill-attriċi fis-somma ta' tlett'elef, tlett mija u ħamsin ewro (€3,350) għal perjodu ta' bejn Ġunju 2016 u Jannar 2019 kif ukoll għax-xahar ta' Awissu, 2022.

**Kunsiderazzjonijiet**

Sema lil **Elaine Cutajar**[4] li ddikjarat li hi u l-konvenut isseparaw fil-25 ta' April, 2016[5] fejn l-obbligu tiegħu kien li jgħaddi s-somma ta' tlett mitt ewro (€300) għaż-żewġ ulied iżda meta waħda bdiet taħdem kellu jipperċepixxi s-somma ta' mija u ħamsin ewro (€150). Għandhom tifla jisimha Shaznay li twieldet fil-15 ta' Diċembru, 2000[6] u Cherise[7] li twieldet fit-30 ta' Awissu, 2004. Mis-sena 2016 sas-sena 2019 il-konvenut fadallu jivversa tlett'elef u mitejn Ewro (€3,200) u għax-xahar ta' Awissu 2022 fadallu jivversa mija u ħamsin Ewro (€150). Ippreżentat dokumenti ta' xi ħlas sar mill-konvenut[8]. Fit-22 ta' Lulju, 2021 u fit-23 ta' Lulju, 2023 il-konvenut kien ħallasha l-ammont ta' elf u ħamsin Ewro (€1,050) li jkopri minn Jannar 2021 sa Lulju 2021, u s-somma ta' tlett'elef u erba' mitt Ewro (€3,400) li jkopri minn Frar tas-sena 2019 sa Diċembru tas-sena 2020 u dawn bagħthom f'daqqa għax dam ma ħallashom u kienet għamlet rikors quddiem *forum* ieħor sabiex itiha l-manteniment.

---

[4] A fol 20a et seq tal-proċess, xhieda datata 15 ta' Ġunju, 2023
[5] Kuntratt ta' separazzjoni, a fol 21 et seq tal-proċess
[6] Ċertifikat tat-twelid, a fol 30 tal-proċess
[7] Ċertifikat tat-twelid, a fol 31 tal-proċess
[8] A fol 32 et seq tal-proċess

Fil-kontro-eżami[9] qalet li ma tafx meta it-tifla l-kbira marret taħdem *full-time* iżda għandha d-*diplomas* ta' kemm damet l-MCAST.

Riprodotta[10] ppreżentat dokumenti konsistenti f'ċertifikati tal-MCAST.[11]

Fil-kontro-eżami[12] qalet li għamlet rapport għall-manteniment. Meta l-konvenut kien iħallas kien isir permezz ta' *bank transfer*. B'referenza għal-*bank statements* mmarkati minn *fol* AC1 sa *fol* AC25 ma ftakritx li l-konvenut kien għamel pagamenti ta' iktar milli kellha tirċievi. Fuq domanda dwar it-tabella tagħha li tinsab *a fol* 12, b'referenza għal Lulju 2016 qablet li l-konvenut għaddielha s-somma ta' tlett mitt Ewro (€300) u mhux mitejn Ewro (€200) kif indikat hi fit-tabella. L-istess f'Awissu tas-sena 2016 u qalet li l-2017 u l-2018 qegħdin tajbin.

Sema lil **Angel Joseph Caruana**[13] li ppreżenta kopji ta' *statements* mill-Bank of Valletta fejn kien qed jgħaddi l-flus lill-attriċi[14] u t-transazzjonijiet li għamel hu mmarkahom bl-isfar. Hemm uħud minnhom li huma miktubin li huma manteniment u hemm oħrajn li ma humiex miktubin li huma manteniment iżda huma t-transazzjonijiet li għadda hu lill-attriċi. It-transazzjonijiet huma kollha tal-manteniment u ma jaqblux ma' dak li ppreżentat l-attriċi. Fuq it-transazzjonijiet ser jidher li f'xahar ikun hemm żewġ transazzjonijiet filwaqt li fix-xahar ta' wara ma jkun hemm xejn u dan għaliex huwa jaħdem bis-*shift*. Spejga li fejn qalet li jammonta għal elfejn, mitejn u ħamsin Ewro (€2,500) huma flus li l-attriċi kienet ġja ħadet u huma għadhom għaddejjin bi proċeduri quddiem il-Qorti. Dawn huma flus li ġibdithom l-attriċi li jammontaw għal mitejn, tlett mija u tnejn u tletin Ewro (€2,332) u ċioe' aktar minn dak l-ammont għaliex ġibdithom bil-VISA tiegħu mil-bank li kien elf lira Maltin (Lm1,000) u l-attriċi kienet qalet li dawk il-flus ħadithom sabiex tnaqqashom mill-manteniment. Fil-kuntratt hemm affarijiet oħra. L-istorja tiegħu fil-kawża tal-knisja tal-Kurja sabu li l-attriċi ma hijiex kredibbli u anke l-Perit Legali tal-Qorti, it-tfal kellhom imorru miegħu u l-manteniment kellha tivversahulu hi. Fis-sena 2016 wara tlettax (13)-il sena ommu spiċċat ħażin, kienu ser jgħaddu għas-sentenza u ma kellux għażliet oħra. L-attriċi kienet qaltlu li ser tibda tniżżillu t-tfal u kissritlu kull relazzjoni li kellu mat-tfal. Fis-sena 2000 kien għamel rapport għaliex ma kienetx qed toħodlu t-tfal, għamlitlu kawża għall-arretrati tas-snin 2021, 2022, 2023 u għaddiehomlha. Il-manteniment dejjem ħallsu bil-quddiem minħabba x-xogħol. It-tifla l-kbira tagħlaq tmintax (18)-il sena f'Diċembru u f'Novembru kellu jgħaddilha mitejn u ħamsa u għoxrin Ewro (€225) biex ikopru sal-15 ta' Diċembru u hu għaddielha tlett mitt Ewro (€300) u f'Diċembru kellu jgħaddilha mija u ħamsin Ewro (€150) u kien għaddielha tlett mitt Ewro (€300), għalhekk għas-sena 2019 hi qiegħda minn fuq ta' mitejn u ħamsa u għoxrin Ewro (€225) mhux bil-*minus* kif qed tgħid l-attriċi. Qatt ma talbithomlu jew qaltlu li taha n-nieqes qabel ma ppreżentat il-kawża. Apparti s-sena 2021 meta l-avukat kienet qaltlu li kienu dovuti hu kien għaddiehomlha bil-bank u hi qatt ma kienet semmiet li għandha arretrati oħra għaliex dawn il-flus li jidhru bin-nieqes spjega x'hinuma.

---

[9] A fol 20c tal-proċess

[10] A fol 46 tal-proċess, fejn esebit biss dokument li kollettivament ġie mmarkat bħala Dok CE1

[11] A fol 47a et seq tal-proċess

[12] A fol 62 tal-proċess, kontro-eżami datat 21 ta' Jannar 2025

[13] A fol 53 a et seq tal-proċess; xhieda datata 30 ta' Novembru, 2023

[14] A fol 54 tal-proċess

Jirriżulta li l-partijiet ottjenew is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Sharon Faith Farrugia fil-25 ta' April tas-sena 2016. Taħt il-klawsola C. intestata Manteniment numru 1. u numru 2. rispettivament jaqraw:

1. *Ir-Ragel jintrabat u jobbliga ruħu li jħallas lill-Mara, li taccetta, retta alimentari ghall-Minuri fl-ammont ta' tlett mitt ewro (300.00) fix-xahar, jigifieri mija u hamsin Euro (150.00) fix-xahar ghal kull wiehed mill-Minuri. Il-partijiet qed jaqblu li f'kaz li r-ragel jispicca minghajr impjieg jew jitnaqqaslu d-dhul ghar-raguni li hija indipendenti minnu, il-manteniment mifthemin ma jkunx sospiz u r-ragel ghandu jintavola l-proceduri appoziti f'dan ir-rigward fejn tkun l-Onroabbli Qorti li tiddeciedi dwar dan.*

2. *Tali manteniment, illi ghandu jithallas fis-seba' jum (7) jum tax-xahar, kull xahar bil-quddiem permezz ta' depozitu fil-kont bankarju illi l-Mara ghandha ma' bank of Valletta plc bin-numru erba' zero zero wihed tmienja tnejn wiehed tnejn wiehed sitta seba' (40018212167).*

Il-partijiet esebew l-*istatements* tal-Bank tagħhom sabiex isostnu xi tħallas u ma tħallasx fil-kawża odjerna flimkien ma' prospett redatt minnhom.

Il-konvenut ippreżenta l-*istatements* flimkien mal-prospett u fix-xhieda tiegħu spjega li t-transazzjonijiet li għamel lill-attriċi immarkahom bil-kulur isfar u spjega wkoll illi kien hemm transazzjonijiet li kellhom imniżżla nota li kienu manteniment lill-attriċi filwaqt li kien hemm oħrajn mingħajr nota. Spjega wkoll illi peress li hu kien jaħdem bis-*shift* kien hemm xhur fejn kien għadda l-manteniment darbtejn f'xahar iżda x-xahar ta' wara ma jgħaddihx. Minn dak esebit mill-istess konvenut jirriżulta li l-*istatements* tal-Bank qablu mal-prospett tiegħu ħlief għal dik ta' Jannar 2019 fejn fil-prospett ġie indikat li għadda is-somma ta' tlett mitt Ewro (€300) u mill-*bank statement* jirriżulta li għadda s-somma ta' mitejn Ewro (€200).

L-attriċi wkoll esebit l-*istatements* flimkien mal-prospett tagħha liema *bank statements* ma kienux kompluti u kien hemm numru konsiderevoli ta' xhur neqsin, u kemm waqt ix-xhieda mogħtija minnha u kemm mill-prospett esebit waqt ix-xhieda tagħha tikkontendi li l-konvenut minn Ġunju 2016 sa Jannar 2019 dejjem għaddielha s-somma ta' mitejn Ewro (€200), liema prospett ġie ratifikat mill-prospett aġġornat esebit waqt it-trattazzjoni.

Mill-*istatements* esebiti mill-istess konvenut jirriżulta li l-konvenut minn Ġunju tas-sena 2016 sa Jannar tas-sena 2019 huwa dejjem għadda s-somma ta' mitejn Ewro (€200) fix-xahar salv għax-xhur ta' Ġunju, Lulju u Awissu tas-sena 2016 u Awissu tas-sena 2017 fejn għadda is-somma ta' tlett mitt Ewro (€300) u għax-xhur ta' Settembru, Ottubru, Novembru u Diċembru tas-sena 2016 u Jannar tas-sena 2017 fejn għadda is-somma ta' mitejn u ħamsin Ewro (€250) fix-xahar, u f'Awissu tas-sena 2022 ma għadda xejn. Mill-kuntratt ta' separazzjoni hawn fuq ċitat jirriżulta li l-konvenut obbliga ruħu li jivversa manteniment fis-somma globali ta' tlett mitt Ewro (€300) għaż-żewġt'ulied.

Għaldaqstant il-konvenut għad fadal jivversa s-somma ta' elfejn u seba' mitt Ewro (€2,700) lill-attriċi.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet it-Tribunal qiegħed jiddisponi minn din il-kawża billi jilqa' t-talba attriċi limitatament u jordna lil konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' elfejn u seba' mitt ewro (€2,700) lill-attriċi filwaqt li jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, bl-imgħax jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż jitħallsu terz (1/3) mill-attriċi u żewġ terzi mil-konvenut (2/3).

**Dr. Marouska Debono**

**Ġudikatur**